TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 4/14/GB

**Jessica u Roderick Sapiano**

**vs**

**International Trading Company Ltd.**

Illum 12 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tmien mija u ghaxar Ewro (€810.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal fridge, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema fridge kienet difettuża.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw fridge minghand is-socjeta' ntimata, li kienet ġiet installata fit-8 ta' Gunju 2012. Tliet xhur wara din il-fridge ma bdietx tkessah, u ghalhekk is-socjeta' ntimata baghtet tekniku, fejn dan it-tekniku kien informa lir-rikorrenti illi kien sahan il-mutur u li l-fridge kellha blockage fil-gas. Gew informati wkoll illi l-fridge kien ġralha dan il-hsara ghaliex ma kienitx f'post tajjeb.

Xi tlieta jew erbgha xhur wara, il-hsara regghat grat l-istess, fejn il-fridge ma bdietx tkessah, u ghalhekk is-socjeta' ntimata kienet regghat hadet il-fridge biex tirranġa l-blockage, u minn naha taghhom, ir-rikorrenti kellhom jirranġaw il-kcini stante illi s-socjeta' ntimata kienet qaltilhom li l-fridge ma kienitx f'post tajjeb.

Il-hsara regghat grat ghat-tielet darba, fejn is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom li kienet biddlet xi apparat minnha. Pero' regghat ghamlitha ghar-raba' darba, fejn it-tekniku kien qal lir-

rikorrenti biex jitfuha ghal sitt sieghat imbaghad tahdem sew ghaliex kien sahnilha l-mutur. Wara li kienu ghaddew is-sitt sieghat, ir-rikorrenti xegheluha pero' baqghet bl-istess problema.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu xtraw fridge free standing fis-6 ta' Lulju 2011, li ġiet installata fit-8 ta' Gunju 2012. L-ewwel hsara saret f' Settembru 2012, fejn meta t-tekniku mar ghand ir-rikorrenti huwa informahom illi l-fridge ma kienitx installata skond l-istruzzjonijiet manwali.

Wara li l-fridge ġiet irranagata, is-socjeta' ntimata gibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti biex jirranġaw il-cupboards. Meta r-rikorrenti lmentaw it-tieni darba, it-tekniku nnota illi l-cupboards kienu ghadhom ma tnehhewx. Ir-rikorrenti baqghu jinsistu li jhallu l-fridge installata kif inhi anke wara li s-socjeta' ntimata ghamlet it-tiswija.

Is-socjeta' ntimata tiġbed l-attenzjoni illi l-hsara saret minhabba nuqqas ta' ventilazzjoni u li l-fridge kienet ġiet installata bhal li kieku kienet built-in.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.JS1; ittra rreġistrata li ntbaghtet lis-socjeta' ntimata, li ġiet immarkata bhala Dok.JS2; sett ta' tliet ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JS3; kif ukoll estratt mill-ktieb ta' l-istruzzjonijiet, li ġie mmarkat bhala Dok.JS4.

Xehed Frans Portelli, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr, illi huwa mastrudaxxa u missier ir-rikorrenti Jessica Sapiano. Stqarr illi huwa hadem kċejjen bhal dawn u kkonferma illi l-fridge kienet difettuża.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija kienet taghat l-ispecifications ta'l-appliances kollha li nxtraw lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma xtrawx built-in fridge, iżda wahda free standing. Meta t-tekniku mar l-ewwel darba huwa nnota li r-rikorrenti kienu uzawha bhala built-in hekk kif kienu poggewha. Ventilazzjoni ma kienx hemm u ghalhekk kienet over heated. It-tekniku kien sab ukoll li kienet maghluqa fil-gnub l-ewwel darba li kellha l-hsara. Is-socjeta' ntimata anke stiednet lir-rikorrenti imorru s-showroom sabiex tfehemhom iżda huma kienu baqghu ma marrux.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument iffirmat mir-rikorrent Roderick Sapiano, li gie mmarkat bhala Dok.IT; flimkien ma' email li kienet intbaghtet lir-rikorrenti, li ġiet immarkata bhala Dok.IT2.

Xehed Jack Francica, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa stqarr, illi huwa kien it-tekniku li mar l-ewwel darba li l-fridge kellha l-hsara, fejn sab li kien tar il-mutur. Stqarr illi kien informa lir-rikorrenti illi jekk kienu ser ipoġġuha hemm kien ser jerga' jigrilha l-hsara. Meta huwa mar it-tieni darba, kien sab il-fridge fil-kamra ta' barra imma l-frame tal-cupboards kien ghadu hemm. Ikkonferma illi l-fridge in kwistjoni hija fridge free standing u mhux built-in, li ma kienx hemm spazju madwar il-fridge u li, li kieku kien hemm ventilation kif suppost, kieku qatt ma kienet tigrilha hsara il-fridge in kwistjoni, pero' r-rikorrenti baqghu jinsistu li jhalluha hemm.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti illi r-rikorrenti kienu xtraw fridge 'free standing' pero' kienu nsistew li jinstallawha b'mod illi wiehed jista' biss jinstalla fridge 'built-in', jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u li l-fridge in kwistjoni ma kienitx difettuża, pero' ġiet iddannegjata mill-uzu hazin da parte tar-rikorrenti stess, u dana nonostante l-fatt illi s-socjeta' ntimata kienet gibdetilhom l-attenzjoni rigwardanti l-istess diversi drabi. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**